# QORTI KOSTITUZZJONALI

## IMĦALLFIN

**ONOR. JOSEPH R. MICALLEF LL.D. – AĠENT PRESIDENT**
**ONOR. ANTHONY ELLUL LL.D.**
**ONOR. ROBERT G. MANGION LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Jannar, 2024**

**Numru 1**

**Rik. Kost. 234/2021/1GM**

**Avukat Dottor Anna Mallia**

**v.**

**(1) Il-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura;**
**(2) il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, għal kull interess li jista' jkollha tenut kont li l-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura huwa sotto kumitat tal-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja, u l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-attriċi kemm minn sentenza preliminari mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-2 ta' Diċembru, 2021 (minn issa 'l hemm imsejħa

"is-sentenza preliminari") li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, dik il-Qorti għażlet li ma tqisx l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi għaliex irritwali imma sabet li t-tielet talba kienet ammissibbli u ċaħdet l-eċċezzjonijiet tal-intimati safejn kompatibbli ma' dik is-sentenza, u kif ukoll mis-sentenza finali mogħtija mill-imsemmija Qorti fl-10 ta' Jannar, 2023, (minn issa 'l hemm imsejħa "is-sentenza finali") li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra ċaħdet it-tielet talba tal-attriċi. Minn dan l-appell, l-intimati ressqu għal rashom tliet (3) appelli inċidentali, tnejn minnhom mis-sentenza preliminari u ieħor mis-sentenza finali;

2. Fl-azzjoni mnedija minnha, l-attriċi lmentat minn ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha tal-libertà ta' espressjoni ħielsa (u l-jedd għall-informazzjoni, li joħroġ minnu) u li ma ġġarrabx trattament diskriminatorju, kif imħarsin fl-artikoli 10, 14 u l-Protokoll 12 tal-Konvenzjoni (Ewropea) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni") u fl-artikoli 41 u 45 tal-Kostituzzjoni tar-Repubblika ta' Malta ("il-Kostituzzjoni") u dan minħabba l-mod kif il-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura (minn issa 'l hemm imsejjaħ "il-Kumitat") intimat kien kompost u kif mexxa l-proċess tal-għażla ta' membri ġodda fil-Ġudikatura, wara sejħa pubblika li saret mill-Ministru għall-

Ġustizzja, l-Ugwaljanza u l-Governanza fit-12 ta' Frar, 2021. B'mod partikolari, u miġbura fil-qosor, l-attriċi tilmenta li ladarba waħda minn fost il-kandidati tal-imsemmija sejħa kienet maġistrat li kienet tagħmel parti mill-Kumitat u peress li dik il-maġistrat ma ħaditx sehem fil-proċess ħlief meta saritilha l-intervista tagħha, bla ma nħatar maġistrat ieħor minflokha fuq il-Kumitat, l-istess Kumitat ma kienx kostitwit kif jitlob l-artikolu 96A tal-Kostituzzjoni. Minbarra dan, tgħid li l-Kumitat ta lilu nnifsu setgħat li l-Kostituzzjoni ma tagħtihx fl-artikolu 96A(6) meta, qabel ma ħarġet l-imsemmija sejħa, għamel regoli jew linji-gwida biex jipprova "jillapazza kontra dan in-nuqqas". L-attriċi tisħaq li, b'uħud mill-kundizzjonijiet li daħħal fl-imsemmija regoli, il-Kumitat żied mal-kriterji msemmija fl-artikolu 96B(2) tal-Kostituzzjoni bla ma kellu jedd jew setgħa jagħmel dan, minbarra li dawk il-kriterji joħolqu trattament diskriminatorju favur kandidati meqjusa eliġibbli għall-ħatra u kontra kandidati li 'l quddiem juru ħajra li jwieġbu għal sejħa oħra li tista' ssir. Ilment ieħor tal-attriċi huwa li l-Kumitat mexxa b'mod mhux trasparenti tali li jżomm lil xi persuna li tkun applikat milli, jekk ikun il-każ, tkun f'qagħda li tikkontesta r-rakkomandazzjonijiet li huwa jagħmel lill-President tar-Repubblika. Fl-aħħarnett, l-attriċi tgħid li, fid-dawl tal-premess, l-artikolu 96A tal-Kostituzzjoni jikser kemm il-Kostituzzjoni u kif ukoll il-Konvenzjoni safejn il-proċeduri quddiem

il-Kumitat jibqgħu jitmexxew fil-magħluq u jkunu sigrieti u kunfidenzjali u safejn joħloq trattament diskriminatorju. Għalhekk, tgħid li kull deċiżjoni meħuda mill-Kumitat intimat tul dak il-proċess ma tiswiex għaliex kienet *ultra vires* u bi ksur espress ta' dak li titlob il-Kostituzzjoni nnifisha;

3. Il-Kumitat intimat laqa' għall-azzjoni tal-attriċi billi, b'mod preliminari, qal li hija għandha turi l-interess ġuridiku tagħha kif ukoll l-istat ta' "vittma" u li, dwar l-ewwel żewġ talbiet, l-azzjoni ma tiswiex għaliex talbiet bħal dawk ma jistgħux ikunu jagħmlu parti minn azzjoni dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali. Fil-mertu, laqa' billi qal li t-talbiet attriċi huma infondati kemm fil-fatt u kif ukoll fid-dritt billi l-Kumitat kellu kull setgħa li jwettaq regoli dwar il-proċedura tiegħu nnifsu kif irid l-artikolu 96A(8) tal-Kostituzzjoni, u billi dwar l-ilment dwar kif il-Kumitat mexxa l-proċess u kif kien kompost jgħoddu l-artikoli 121(2) u (3) tal-Kostituzzjoni u li r-regoli maħruġin minnu joqogħdu ma' dak li jipprovdi l-artikolu 96A(6) tal-Kostituzzjoni. Jiċħad li l-artikolu 96A tal-Kostituzzjoni jikser b'xi mod xi jedd fundamentali mħares minnha;

4. L-intimat Avukat tal-Istat laqa' għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qal li l-attriċi ma għandhiex l-interess ġuridiku li

tirreklama stat ta' vittma ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali fil-każ imressaq minnha ladarba ma qalet imkien li hija kienet waħda minn dawk li wieġbu għas-sejħa li trid tħassar, u l-fatt waħdu li hija avukat ma jġibx dak l-interess attwali li titlob il-liġi u lanqas toħloq interess ix-xewqa tagħha li taċċerta li kollox sar skont il-liġi; li l-azzjoni attriċi ma tiswiex u hija bla ebda effett fil-liġi għaliex hija neboluża billi, f'nifs wieħed, tidher li hija azzjoni ta' stħarriġ ta' għemil amministrattiv safejn timmira li titlob it-tħassir tal-proċess tal-għażla tal-ġudikanti l-ġodda minħabba nuqqasijiet proċedurali u fl-istess nifs hija azzjoni ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali; li, jekk l-attriċi kellha f'moħħha li tressaq azzjoni popolari taħt l-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni, l-azzjoni hija monka wkoll għaliex azzjoni bħal dik ma tistax titressaq fuq allegata inkonsistenza mad-dispożizzjonijiet tal-artikoli 33 sa 45 tal-istess Kostituzzjoni; u li, safejn jirrigwarda l-ewwel żewġ talbiet attriċi, l-azzjoni attriċi ma tiswiex lanqas għaliex talbiet bħal dawk ma jsirux f'kawża fejn persuna tilmenta minn ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha, imma f'azzjoni mibdija bil-proċedura ordinarja tar-rikors maħluf. Fil-mertu, laqa' billi qal li fit-twettiq tal-proċess il-Kumitat kien kostitwit kif jitlob l-artikolu 96A tal-Kostituzzjoni, li l-Kumitat żamm mas-setgħat mogħtijin lilu mil-liġi kemm meta fassal ir-regoli-gwida skont l-artikolu 96A(8) tal-Kostituzzjoni u kif bil-mod li mexa magħhom, u li l-kunfidenzjalità u

d-diskrezzjoni li l-Kumitat mexa bihom huma saħansitra mitluba fl-artikolu 96A(7) tal-istess Kostituzzjoni u għal kollox ġustifikati oġġettivament mill-Istat ta' Dritt. Jisħaq li, dwar l-ewwel żewġ talbiet, il-Kumitat bl-ebda mod ma mexa 'l barra mis-setgħat mogħtija lilu mil-liġi u li, dwar it-tieni u t-tielet talbiet, ma seħħ l-ebda ksur tal-jedd ta' espressjoni ħielsa jew ta' trattament diskriminatorju bi ħsara għall-attriċi;

5. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni għall-Amministrazzjoni tal-Ġustizzja (minn issa 'l hemm imsejħa "il-Kummissjoni") laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, b'mod preliminari, qalet li l-azzjoni attriċi ma tiswiex safejn, fl-ewwel żewġ talbiet, tfasslet biex titlob lill-Qorti twettaq stħarriġ ġudizzjarju u mhux stħarriġ tal-allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali, liema talbiet messhom tressqu f'azzjoni ordinarja bil-proċedura tar-rikors maħluf. Fil-mertu, laqgħet billi qalet illi l-Kumitat mexa għal kollox fil-qafas tas-setgħat mogħtijin lilu mil-liġi b'mod awtonomu u indipendenti minnha, kif irid l-artikolu 96A(4) tal-Kostituzzjoni u ċaħdet li hija mxiet mal-attriċi b'mod li kisritilha xi jedd fundamentali tagħha;

6. Il-Qorti, kif issa komposta wara s-surroga tal-25 ta' April, 2023[1], wara li semgħet it-trattazzjoni estensiva tal-avukati tal-partijiet waqt is-smigħ tal-11 ta' Mejju, 2023 u ħadet qies tad-dikjarazzjoni tal-attriċi appellanti waqt l-istess smigħ u tal-atti kollha tal-kawża, hija f'qagħda li tgħaddi għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

7. Il-Qorti hija tal-fehma li ladarba, kemm l-attriċi appellanti fl-appell ewlieni tagħha u kif ukoll tnejn mit-tliet intimati bl-appelli inċidentali tagħhom, ressqu aggravji dwar is-sentenza preliminari, jkun xieraq li tqis l-ewwel dawk l-appelli fuq dik is-sentenza u mbagħad, jekk ikun il-każ, tgħaddi biex tqis l-aggravji tal-partijiet fuq is-sentenza finali;

8. Biex l-ewwel Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha fis-sentenza preliminari li tastjeni milli tqis l-ewwel żewġ talbiet u li tiċħad l-eċċezzjonijiet preliminari dwar it-tielet talba attriċi u tqisha ammissibbli, dik il-Qorti qalet hekk:

"*Ir-rikorrenti qiegħdha titlob dikjarazzjoni li:*

[1] Paġ. 416 tal-proċess

*“- Il-Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura (“Il-Kumitat”) ma kienx (u mhux se jkun għas-sentejn li ġejjin) regolarment kompost skont Art. 96A tal-Kostituzzjoni u għalhekk ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lill-President huma nulli.*
*“- Il-Kumitat aġixxa ultra vires meta ppubblika r-Rules and Guidelines li huma leżivi ta’ għadd ta’ drittijiet fundamentali imsemmija fit-tieni talba.*
*“- L-Art. 96A tal-Kostituzzjoni jikser l-istess Kostituzzjoni, u għadd ta’ drittijiet fundamentali oħrajn tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem imsemmija fit-tielet talba.*

*“Id-difiża preliminari tal-intimati tista’ tinġabar f’dawn il-propożizzjonijiet:*

*“- In-nuqqas ta’ kompetenza ta’ din il-Qorti:*
*“- In-nullita` tar-rikors promotur għaliex l-ewwel żewġ talbiet tiegħu mhux imsejsa fuq ksur ta’ drittijiet fundamentali u għalhekk kellhom isiru permezz ta’ rikors maħluf (Il-Kummissjoni); għaliex huma fl-istess nifs azzjoni ta’ reviżjoni ta’ deċiżjoni amministrattiva u ksur tad-drittijiet fundamentali, u l-Qorti ma tistax tirrevedi aġir amministrattiv fil-veste kostituzzjonali tagħha (AI).*
*“- L-azzjoni hi monka safejn l-allegazzjoni li 96A tmur kontra l-Kostituzzjoni hija actio popularis li ma tistax issir in kwantu allegatament tikser il-jeddijiet fundamentali fl-Art. 33 sa 45 tal-istess Kostituzzjoni (AI).*
*“- It-talba (li) l-Art 96A jikser il-Kostituzzjoni u t-talba li l-Kumitat ma kienx regolarment kostitwit skont l-istess Art 96A huma kontradittorji.*
*“- In-nuqqas t’interess ġuridiku (Il-Kumitat, AI,) u l-istat ta’ vittma (Il-Kumitat).*

*“**Ikkunsidrat:***

*“L-eċċezzjoni fis-sens li din il-Qorti fis-sede kostituzzjonali tagħha **m’għandhiex kompetenza** tqis materji li jaqgħu taħt il-liġi ordinarja hija bla siwi. Fi kliem il-Qorti Kostituzzjonali:*

> *“Il-Prim Awla tal-Qorti Civili għandha kompetenza dupplici, dik li tisma’ kawzi ta’ natura ordinarja u dik li tisma’ kawzi ta’ natura kostituzzjonali, izda f’dawn ir-rwoli tagħha hija tibqa’ dejjem qorti waħda bil-funzjoni li tiddeċiedi kemm kwistjonijiet ta’ natura ordinarji u dawk ta’ natura kostituzzjonali, anke jekk il-kwistjonijiet jiġu sollevati fl-istess kawża li tkun bdiet bħala kawża ordinarja”.*

*“Il-**Professur Ian Refalo**, awtorita` dwar id-dritt kostituzzjonali u amministrattiv, kiteb li:*

> *“The First Hall of the Civil Court has indeed a dual jurisdiction, civil and constitutional, but they live side by side and the court is not differently constituted depending on the jurisdiction; it is therefore one and the same jurisdiction”.*

*“Tant hu hekk, li meta f’kawża ċivili quddiem din il-Qorti jitqanqal punt ta’ natura “kostituzzjonali” tiddeċidih il-Qorti stess mingħajr ebda formalita` jew xi riferenza għall-istess Qorti kostitwita b’xi mod differenti.*

*Skont Artiklu 3 tal-Kap 12, l-unika Qorti superjuri, li skont Artiklu 32(2) tal-istess Kap, "taqta' l-kawżi kollha ta' natura ċivili jew kummerċjali, u dawk il-kawżi l-oħra kollha li l-liġi tgħid espressament li għandha tieħu konjizzjoni tagħhom", hija l-Qorti Ċivili. Bħal kull Qorti oħra, il-Qorti Ċivili "tista' tiġi maqsuma f'sezzjonijiet differenti" (Art. 2(2) Kap 12). "Sakemm ma jiġix stabbilit mod ieħor b'liġi, il-President ta' Malta "jista' b'Ordni jistabbilixxi l-kategoriji ta' kawżi mogħtija lil kull sessjoni" (Art. 2(2) Kap 12). Permezz t'Avviż Legali twaqqfu erba' sezzjonijiet tal-Qorti Ċivili (Reg. 2). Dawn huma tal-Familja, ta' Ġurisdizzjoni Volontarja, tal-Kummerċ u "s-sessjoni ta' ġurisdizzjoni ġenerali li għandha tissejjaħ il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili". (Reg.3). Lill-Prim'Awla "għandhom jiġu assenjati l-kawżi kollha li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Qorti Ċivili u li ma jiġux assenjati" lil xi waħda mit-tliet sezzjonijiet l-oħrajn (Reg. 6). Bħala regola ġenerali, il-kawżi jiġu assenjati mir-Reġistratur lis-sezzjonijiet differenti skont il-kategorija li l-kawża tkun taqa' taħtha (Reg.7). Skont Art. 46(2) tal-Kostituzzjoni, il-"Prim'Awla tal-Qorti Ċivili" għandha "ġurisdizzjoni oriġinali" li tisma' lmenti dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali. La permezz t'Ordni tal-President u lanqas b'xi liġi, ma hemm imwaqqfa xi sezzjoni tal-Qorti Ċivili biex titratta speċifikament u esklussivament kawżi ta' natura "kostituzzjonali". Tali kompetenza hija mogħtija lil din il-Qorti – Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – li hija waħda mill-erba' sezzjonijiet imsemmija, b'żieda mal-kompetenza ġenerali tagħha f'kawżi ċivili għajr dawk assenjati lil xi waħda mit-tliet sezzjonijiet l-oħrajn. In-nomenklatura ta' "Prim'Awla tal-Qorti Ċivili – Sede Kostituzzjonali" hija biss frott ta' prattika tal-foro. Issir għall-konvenjenza; iżda mbagħad tagħti lok għall-impressjoni żbaljata li teżisti xi sezzjoni tal-Qorti Ċivili mwaqqfa apposta biex tisma' kawżi "kostituzzjonali".*

*"**Azzjonijiet diversi fl-istess kawża.***

*"Stabbilita l-kompetenza doppja ta' din il-Qorti, iqum il-kweżit jekk isegwix li wieħed jista' jressaq kawża quddiemha li fiha taħlita t'azzjoni "ċivili" t'azzjoni "kostituzzjonali" – inkluż azzjoni; jew, kif eċċepit fil-każ tal-lum, taħlita t'azzjoni "amministrattiva" u azzjoni "kostituzzjonali". Issa s-sistema proċedurali tagħna mhijiex waħda formularja. Il-kawżi jinfetħu permezz ta' att ġudizzjarju li permezz tiegħu jiġu esposti l-fatti li allegatament jiksru xi dritt jew drittijiet tal-attur, u jintalab rimedju. M'hemmx għalfejn li ssir riferenza għal-liġi. Għalkemm, f'Rikors Ġuramentat, din tista' ssir, hi fakultattiva. Sta mbagħad għall-Qorti li tidentifika n-norma astratta applikabbli għall-fatti allegati. Bħala massima ġenerali, fid-dritt ġudizzjarju modern, l-attwazzjoni tad-dritt soġġettiv issir mingħajr il-ħtieġa li jiġu adoperati azzjonijiet partikolari. Fejn hemm dritt, hemm azzjoni u mhux bil-kontra; m'hemmx għalfejn ikun hemm azzjoni partikolari biex jiġi mħares id-dritt soġġettiv. Barra minn hekk, dwar l-istess fattispeċji dedotta fil-ġudizzju jista' jkun hemm konkors t'azzjonijiet skont it-tipi differenti ta' provvedimenti li jkunu mitluba fid-domanda ġudizzjali.*

*"**Marion Pace Axiaq et v Prim Ministru et.**[2] kienet kawża li permezz tagħha kien qiegħed – bħall-kawża issa quddiem din il-Qorti – jiġi attakkat il-proċess dwar il-ħatriet fil-ġudikatura, għalkemm it-talbiet kienu bbażati fuq premessi differenti. Permezz tagħha, ġie allegat ksur ta' drittijiet sanċiti mit-Trattat tal-Unjoni Ewropea, ic-Charter tad-Drittijiet Fondamentali tal-Bniedem, u l-Kostituzzjoni ta' Malta. F'dik il-kawża, li nfetħet quddiem din il-Qorti (diversament kostitwita), l-intimati sostnew li r-rikors promotur kien irritwali għax kien hemm konfużjoni ta' talbiet taħt il-Kostituzzjoni, il-liġijet tal-Unjoni Ewropea u allegazzjoni ta' ksur ta' dritt fondamentali. Skonthom, in kwantu l-azzjoni kienet ibbażata fuq allegazzjoni ta' ksur ta' drittijiet tal-bniedem, kienet nulla għax ma kinitx konformi mar-regoli dwar il-prattika u proċedura ċivili, peress li r-rikorrenti ressqu kawża ċivili izda daħħlu talbiet ta' natura Kostituzzjonali. Din il-Qorti, diversament komposta[3], ċaħdet din l-eċċezzjoni. **Sabet li l-azzjoni kienet actio popolaris kontenenti allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet tal-bniedem** skont l-istess Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni kif ukoll ksur tal-istess Kostituzzjoni fl-artikoli 1 u 65 u artikoli tat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u ċ-Charter tad-Drittijiet tal-istess Unjoni. U ċaħdet il-parti tat-talba bbażata fuq ksur tal-jeddijiet tal-bniedem minħabba nuqqas t'interess ġuridiku. Kemm l-atturi kif ukoll il-konvenuti appellaw quddiem il-Qorti Kostituzzjonali, li dwar it-taħlit t'azzjonijiet qalet hekk:*

> *"32. … l-argument tal-konvenuti indirizzat lejn il-fatt li fir-rikors promotur u fis-sentenza appellata ma ġiex speċifikat li f'dan il-każ il-Prim'Awla kienet qed teżerċita l-funzjoni kostituzzjonali tagħha, ma jimmilitax kontra t-teżi tal-atturi u l-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-azzjoni hija fil-fatt dik imsejħa actio popularis kontemplata fl-artikolu 116 tal-Kostituzzjoni. Ukoll, kif korrettement jgħidu l-atturi l-kwistjonijiet sollevati jemanu mill-istess fatt, jiġifieri s-sistema ta' ħatra ta' ġudikanti, u din il-Qorti ma tara ebda ostakolu legali li dawn jiġu trattati f'kawża wahda ta' natura kostituzzjonali, multo magis meta dak li fil-verita` qed jigi attakkat bhala invalidu huma emendi għal artikoli speċifiċi tal-Kostituzzjoni".*

*"**Kull azzjoni trid issir skont ir-rit tagħha.***

*"Għalkemm m'hemm xejn xi jżomm, bħala regola ġenerali, milli diversi azzjonijiet isiru f'kawża waħda, tibqa' r-regola li kull profil ġuridiku tal-kontroversja jrid isir skont ir-rit applikabbli għalih. Interessanti li f'**Pace Axiaq**, l-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet safejn kienu bbażati fuq allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali minħabba nuqqas ta' victim status; u laqgħethom safejn kienu qegħdin jattakkaw il-liġi u allura bħala actio popularis. Il-proċedura kienet infetħet permezz ta' Rikors Maħluf li kien att idoneju biex tiġi istitwita l-actio popularis. Il-proċedura tar-Rikors Maħluf setgħet issir ukoll dwar l-allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali, minflok sempliċi Rikors. Dan għaliex proċedura li suppost issir b'Rikors Ġuramentat u ssir permezz ta' xi att ieħor tkun nulla (Art. 164(1) Kap*

---

[2] Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fis-27.09.2019
[3] Mill-Onor. Imħallef (illum is-Sinjurija Tiegħu Prim Imħallef) Mark Chetcuti 22.05.2019

*12) iżda mhux jekk kawża li messa tinġieb b'rikors tinġieb b'Rikors Ġuramentat (Art. 164(2) Kap 12).*

*"F'din il-kawża, l-ewwel talba – għal dikjarazzjoni li l-Kumitat ma kienx kompost skont l-Art. 96A tal-Kostituzzjoni – hija purament ta' natura amministrattiva. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha, ir-rikorrenti targumenta li trattandosi ta' organu kostituzzjonali, l-kawża tagħha mhix waħda amministrattiva għaliex il-Kumitat ma ġiex maħtur mill-Istat iżda mill-istess Kostituzzjoni. Dan mhux legalment korrett. Id-definizzjoni ta' "għemil amministrattiv" hija waħda wiesa ħafna. Barra minn hekk, l-Art. 469A innifsu l-ewwel ħaġa li jistipula hu proprju li l-Qorti tista' tistħarreġ għemil amministrattiv meta "jikser il-Kostituzzjoni" . Biex issir talba bħal din, jinħtieġ li l-kawża tkun infetħet permezz ta' Rikors Guramentat, u mhux b'rikors mhux maħluf. M'hemmx dubju li din it-talba saret irritwalment u għalhekk ma tistax tintlaqa'.*

*"It-tieni talba hija iktar kumplessa, għaliex titlob dikjarazzjoni li l-Kumitat aġixxa ultra vires meta ppubblika l-Guidelines tiegħu u b'hekk kiser il-jeddijiet fundamentali tar-rikorrenti kif speċifikati. Fil-verita` t-tieni talba tikkonisti f'żewġ talbiet – waħda amministrattiva (ultra vires) u l-oħra kostituzzjonali (ksur ta' jeddijiet fundamentali). L-ewwel parti tat-tieni talba hija preordinata għat-tieni parti tagħha. F'dan, kif ġja ngħad, ma hemm xejn ħażin fil-prinċipju. B'danakollu, issib l-istess ostaklu tal-ewwel talba: hija irritwali għaliex il-kawża saret permezz ta' rikors sempliċi u mhux rikors maħluf, li huwa meħtieġ f'kawża amministrattiva. Xejn ma jiswa li l-ewwel parti tat-tieni talba hija preordinata għat-tieni parti tagħha, għaliex, kif ġja` ngħad, kull profil ġuridiku tal-kontroversja jrid isir skont ir-rit applikabbli għalih.*

*"Hemm ostaklu ieħor għar-rikorrenti. Għalkemm kif diga` ngħad iktar 'il fuq, bħala prinċipju ġenerali m'hemm xejn ħażin li jkun hemm taħlit ta' azzjonijiet fl-istess kawża, ġie deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali li ma tistax issir azzjoni amministrattiva bbażata fuq allegat ksur ta' jeddijiet xvii fundamentali[4]. Il-ġurista Tonio Borg jargumenta li din il-linja ta' ħsieb tista' tkun kuntrarja għall-intenzjoni tal-leġislatur, li fl-Artiklu 469A(1)(a) tal-Kap 12 ta s-setgħa lill-Qrati jistħarrġu l-validita` ta' għemil amministrattiv "meta… jikser il-Kostituzzjoni" bla ma ħalla barra xi parti mill-istess Kostituzzjoni[5]. Jekk wieħed iqis li s-sustanza m'għandhiex tiġi ssagrifikata fuq l-artal tal-proċedura, jasal għall-konklużjoni li m'hemm xejn ħażin li azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju b'elementi ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali ssir f'kawża waħda, kemm għall-ekonomija tal-ġudizzju, għall-ispeditezza, għall-prattiċita` kif ukoll biex jiġu evitati skolli proċedurali. Min-naħa l-oħra, hemm il-prinċipju l-ieħor li qabel tiġi ppreżentata kawża kostituzzjonali jinħtieġ li jiġu eżawriti l-mezzi ordinarji. Jekk ma jsirx hekk, jisfaw ibbanalizzati l-proċeduri kostituzzjonali li suppost huma speċjali, eċċezzjonali u measures of last resort.*

[4] Emmanuel Ciantar v Kummissarju tal-Pulizija 02.11.2001
[5] Tonio Borg, Judicial Review of Administrative Action in Malta paġna 91 (ippublikat 2020)

*"Permezz tat-tielet talba tagħha, ir-rikorrenti qiegħdha titlob dikjarazzjoni li l-Artiklu 96A u/jew l-applikazzjoni u t-tħaddim tiegħu jikser il-jeddijiet fundamentali tagħha kif indikati. Din it-talba qiegħdha tattakka l-liġi innifisha, jew l-applikazzjoni tagħha – li nzertat liġi ta' livell kostituzzjonali għaliex appuntu tinstab fil-Kostituzzjoni – u mhux xi vjolazzjoni tal-istess liġi mill-organi nkarigati mit-tħaddim tagħha. L-ebda aġir ultra vires jew abbużiv m'hu qed jiġi allegat; għall-kuntrarju dak li qiegħed jiġi allegat u mitlub b'din it-talba hu ksur ta' drittijiet fundamentali bl-Artiklu 96A innifsu u/jew bl-applikazzjoni u t-tħaddim tiegħu skont kif stipulat fl-istess disposizzjoni. It-talba għalhekk hija waħda ta' allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali li mhix marbuta ma' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv. Din il-Qorti ma tara l-ebda raġuni l-għala m'għandhiex tikkunsidra din it-talba bħala waħda valida u ammissibbli – mingħajr ma b'daqshekk qiegħdha tippronunzja ruħha, għalissa, dwar l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' interess ġuridiku - kif sejra tagħmel fil-parti li jmiss ta' din is-sentenza – u, jekk tiċħad l-istess eċċezzjoni, dwar il-fondatezza o meno tagħha fil-mertu.*

*"**Interess ġuridiku.***

*"Skont Artiklu 116 tal-Kostituzzjoni, dritt t'azzjoni għal dikjarazzjoni li xi liġi hi invalida tappartjeni lill-persuni kollha mingħajr distinzjoni bla ma jkunu meħtieġa juru x'"interess personali". Dan ma jgħoddx għal liġi li allegatament tikser l-Art. 33 sa 45 tal-Kostituzzjoni. Jekk wieħed jargumenta a contrario sensu l-konklużjoni tkun li għar-rigward ta' liġi li allegatament tikser id-drittijiet fundamentali, irid jiġi ppruvat l-interess personali. Skont Art. 46(1) tal-Kostituzzjoni, persuna tista' tattivizza azzjoni ex Art. 33 sa 45 imsemmija jekk tallega li xi disposizzjoni tal-istess Artiklu "tkun qed tiġi jew tkun x'aktarx ser tiġi miksura dwarha".*

*"Ir-rikorrenti ddikjarat li hija m'applikatx wara s-sejħa li saret fit-12 ta' Frar 2021. Lanqas stqarret fir-rikors promotur tagħha, jew matul is-smigħ tal-kawża, jekk kinitx sejra tapplika fil-futur. Kien biss fil-paragrafu ta' qabel l-aħħar fin-nota ta' sottomissjonijiet responsiva tagħha li stqarret li d-drittijiet tagħha kienu sejrin jilledu, jew x'aktarx jilledu, d-drittijiet tagħha "malli hija tissottometti l-espressjoni tagħha." Li jfisser li r-rikorrenti tikkunsidra li tapplika fil-futur. Fir-risposta tiegħu għar-rikors promotur, l-Avukat tal-Istat jeċepixxi li billi r-rikorrenti m'applikatx, ma jistax ikollha interess ġuridiku. Fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, jagħmel referenza għall-ġurisprudenza li telabora dwar il-kunċett tal-interess ġuridiku fil-kuntest tal-liġi ċivili, li, kif sewwa magħruf, jesiġi li l-interess ikun leġittimu u konkret, kif ukoll li d-domanda ġġib riżultat utli. L-Avukat tal-Istat ma jara l-ebda riżultat utli għar-rikorrenti li kieku l-proċess tal-għażla tal-imħallfin u maġistrati jiġi ddikjarat null u jsir mill-ġdid. Hekk ukoll, il-Kumitat jagħmel riferenza għall-kunċett tradizzjonali tal-interess ġuridiku. Jenfasizza li interess morali mhux biżżejjed, u li l-interess ma jistax ikun ipotetiku, imma "jrid ikun wieħed konkret, u radikat minn ċirkostanzi reali u eżistenti". Il-Kumitat iżda jeżamina wkoll il-kunċett tal-interess ġuridiku mil-lenti ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali. Jistqarr li l-fatt li r-rikorrenti hi eliġibbli ma jagħtihiex interess ġuridiku.*

*Iġib l-eżempju ta' talba għal dikjarazzjoni li l-Kap 69 jikser id-dritt għat-tgawdija tal-possedimenti minn persuna li ma jkollha l-ebda proprjeta' mikrija lil terzi. Jagħmel riferenza għall-interpretazzjoni li taw dawn il-Qrati tal-frażi "ikun ġie, ikun qed jiġi jew x'aktarx ser jiġi miksur" li tinstab kemm fil-Kap 319 kif ukoll fil-Kostituzzjoni; fis-sens li "l-espressjoni x'aktarx ma tfissirx li jista' possibilment ikun hemm fil-futur xi ksur ta' tali dritt, iżda jimplika li, fil-każ konkret u mhux sempliċement ipotetiku, il-ksur ravviżat huwa wieħed reali u imminenti"; u illi l-interess ta' kull ċittadin li jara li l-liġi titħares ma jagħmlux vittma fis-sens tal-liġi. Il-Kumitat imbagħad jiċċita lil: (1) l-awtriċi* ***Karen Reid*** *li kitbet li "The applicant must be able to show that he or she is a victim of the events or measures which base the allegations. No actio popularis will be entertained". (2)* ***Ada Rossi v Italy*** *li ċaħdet id-dritt ta' varji persuni u assoċjazzjonijiet li jikkontestaw awtorizzazzjoni mill-Qrati Taljani li ġenitur ta' tfajla fi stat veġetattiv għaliex ma kinitx teffettwa dritt proprju tagħhom. (3)* ***Oardiri v Switzerland*** *li ċaħdet talba biex titħassar emenda fil-kostituzzjoni Svizzera li tipprojbixxi l-bini ta' minaretti. L-applikant, Musulman, allega li dan jikser id-dritt tiegħu ta' liberta' reliġjuża. Ma qalx li kien bi ħsiebu jibni moskeja fil-futur qarib. Il-possibilita` li fil-futur jagħmel dan ma kinitx biżżejjed. Lanqas ma wera kif id-divejt ifixklu fil-prattika tar-reliġjon tiegħu.*

*"Ir-rikorrenti tirribatti li l-interess tagħha huwa attwali, għaliex bl-aġir ultra vires tpoġġiet fi żvantaġġ vis-à-vis applikanti li diġa` ġew approvati. It-talbiet li għamlet f'dan ir-rigward iżda mhumiex sejrin jiġu ammessi. Rigward it-talba li sejra tiġi ammessa, ir-rikorrenti tissottometti hekk: "Kif qatt tista' tivverifika x'kienu r-raġunijiet għala persuna intgħażlet biex tiġi rakkomandata u persuna oħra ma ntagħżlitx? Il-ħabi huwa odjuż, speċjalment f'istituzzjoni ġudizzjarja". Hija tilqa' wkoll għall-eżempju miġjub dwar il-liġi tal-kera għaliex hija diġa' titulari tad-dritt li tippreżenta espressjoni ta' interess; kuntrarjament għal min ma jkollux post mikri.*

*"**Ikkunsidrat:***

*"Il-Kostituzzjoni ta' Malta tirreferi kemm għall-interess ġuridiku kif ukoll għall-victim status. Min-naħa l-oħra, Artiklu 34 tal-Konvenzjoni titkellem fuq victim status.*

*"Hemm differenzi bejn l-interess ġuridiku kif definit fid-dritt ċivili u l-victim status kif magħruf mill-Qorti ta' Strasburgu. Interess ġuridiku jrid ikun dirett. Il-victim status jista' jkun kemm dirett kif ukoll indirett. L-interess ġuridiku jrid ikun attwali. Il-victim status jista' wkoll ikun potenzjali.*

*"Il-Kostituzzjoni ma tgħidx espressament li biex wieħed jallega ksur ta' jedd fundamentali, irid ikollu interess ġuridiku. Tgħid li biex wieħed jattakka liġi mhux fuq ksur fundamentali, ma jridx jipprova li għandui interess ġuridiku*[6]*. Huwa biss permezz ta' raġunament a contrario sensu li wieħed jasal għall-konklużjoni loġika li f'każ ta' liġi li tikser il-jedd*

[6] Artikolu 116 tal-Kostituzzjoni

*fundamentali, jinħtieġ l-interess ġuridiku. B'danakollu, hemm imbagħad id-disposizzjoni fil-Kostituzzjoni li tgħid li wieħed jista' jallega ksur ta' jedd li aktarx ikun sejjer jinkiser. Dan iwessa' l-kunċett tal-attwalita` tal-interess ġuridiku.* ***J.J. Cremona****, conditor tal-Kostituzzjoni tal-Indipendenza, jikkummenta li:*

> *"A striking feature of these provisions is that the right to seize the court is granted also to any person who alleges that any of his protected rigħts is 'likely' to be contravened, which could cover also a reasonable probability that an apprehended action may take place. This is in a sense an interesting extension of the ordinary 'victim' concept."*

*"F'dan ir-rigward il-Kostituzzjoni tagħna hija artikolata b'mod iktar wiesa mill-Konvenzjoni, li permezz tal-Artiklu 34 tagħha, tgħid sempliċiment li l-Qorti ta' Strasburgu tista' tirċievi applikazzjonijiet individwali minn kwalunkwe persuna, organizzazzjoni non-governattiva jew gruppi t'individwi "claiming to be the victim of a violation". In-nozzjoni ta' vittma potenzjali ma nsibuhiex fit-test tal-Konvenzjoni.*

*"B'danakollu, il-Qorti ta' Strasburgu tat interpretazzjoni wiesgha ta' min jikkwalifika bħala vittma. Dan għaliex tqis li m'għandniex napplikaw b'mod strett l-elementi tal-interess ġuridiku f'tema ta' allegat ksur ta' jeddijiet fundamentali. Filwaqt li m'għandniex inħallu lil kull ċittadin li ma togħġbux liġi li jagħmel kawża abbażi ta' ksur tal-jeddijiet fundamentali, min-naħa l-oħra lanqas għandna naddottaw sistema riġida li ma tagħtix kenn lil min fil-fatt jista' jintlaqat. Il-Qorti ta' Strasburgu sewwa ammoniet li huwa mistenni li x'wieħed jifhem b' 'vittma' jevolvi fid-dawl tal-kundizzjonijiet tas-soċjeta` kontemporanja u jrid jiġi applikat mingħajr formaliżmu eċċessiv*[7]*.*

*"Min-naħa l-waħda, għalhekk, il-Qorti Ewropea ma tagħtix widen għal ilmenti fl-astratt, bħal meta xi ħadd jilmenta b'mod ġenerali minn ċerta leġislazzjoni. Hekk kien il-każ ta' Quardiri ċċitat minn wieħed mill-intimati. Kemm f'dak il-każ kif ukoll f'każ ieħor relatat, il-Qorti ċaħdet l-applikazzjonijiet billi l-applikanti ma rnexxilhomx jippruvaw li l-projbizzjoni tal-bini ta' minaretti kellha effett dirett fuq it-twemmin tagħhom. Is-sempliċi possibilita` li setgħet teffettwa t-twemmin tagħhom fil-futur ma kinitx biżżejjed biex tagħmilhom vittmi. L-ilment kien magħmul fl-astratt. Il-Qorti madanakollu kkummentat li l-każ seta' kien differenti li kieku l-applikant applika għall-bini ta' minaret u l-permess ġie rifjutat.*

*"Min-naħa l-oħra, il-ġurisprudenza ferm kopjuża tal-Qorti Ewropea li titratta l-kunċett ta' vittma potenzjali hija waħda wiesgha u liberali, u fl-affermattiv fil-każijiet li ġejjin :-*

*"- Jekk il-liġi impunjata ġġiegħel lill-applikant ibiddel il-kondotta tiegħu:*

---

[7] Monnat v Switzerland § 30-33' Gorraiz Lizarraga v Spain §35; Zietal v Poland § 54-59

*"- Fil-każ ta' Klass[8] ddeċidiet li applikant seta' jisfida s-sempliċi eżistenza ta' miżuri sigrieti (interċettazzjoni tat-telefon mingħajr ma tkun avżata l-persuna kkonċernata) jew ta' leġislazzjoni li tippermetti miżuri bħal dawn,* ***mingħajr il-ħtieġa li jipprova li tali miżuri kienu ġew fil-fatt applikati fil-konfront tiegħu****. Il-biża' li jkun hemm sorveljanza bilfors ixxellef il-kunfidenza tal-applikant li juża' t-telefon b'mod ħieles.*

*"- Fil-każ ta' Norris[9] iddeċidiet li raġel omosesswali seta' jsostni li kien vittma ta' leġislazzjoni Irlandiża li kkriminalizzat atti sesswali konsenswali bejn l-irġiel, għaliex kellu l-għażla li jew jobdi l-liġi u jrażżan l-impulsi sesswali tiegħu, inkella jiżvogahom u jirriskja prosekuzzjoni.* ***Ebda passi ma kienu ttieħdu kontrih.***

*"- Fil-każ ta' Michaud[10] l-applikant kien avukat speċjalizzat f'materja ta' taxxa u finanzi. In-National Bar Council għadda regolamenti u proċeduri li jorbtu lill-avukati kollha sabiex jirraportaw attivitajiet suspettużi fil-kuntest tal-ħasil ta' flus. Ilmenta li dan jikser il-privileġġ bejn avukat u klijent.* ***Ebda passi ma ttieħdu kontrih*** *mill-Bar Council u għalhekk f'dan is-sens ma kienx direttament effettwat. Il-Qorti qalet li kellu status ta' vittma.*

*"- Fil-każ ta' Sejdić[11] l-applikanti lmentaw li l-ineliġibilita` tagħhom li jikkontestaw l-elezzjoni għall-House of Peoples u l-Presidenza minħabba l-oriġini Roma jew Lhudija tagħhom kienet tammonta għal diskriminazzjoni razzjali. Ma applikawx bħala kandidati. B'danakollu, l-Qorti aċċettat li kellhom status ta' vittmi. Hija qalet li "In the present case, given the applicants' active participation in public life, it would be entirely coherent that they would in fact consider running for the House of Peoples or the Presidency. The applicants may therefore claim to be victims of the alleged discrimination".*

*"- Fil-każ ta' Kosaite-Cypiene[12] erba' nisa lmentaw minn leġislazzjoni domestika li ma kinitx tippermettilhom jiksbu l-assistenza ta' professjonisti mediċi mis-sistema tas-saħħa tal-Litwanja meta jwelldu d-dar. L-ewwel u r-raba' applikanti ma kinux direttament effettwati għaliex* ***ma kinux tqal jew jippjanaw li jwelldu d-dar*** *fid-data tal-applikazzjoni tagħhom quddiem il-Qorti. L-ewwel applikant kienet welldet id-dar qabel ma ppreżentat l-applikazzjoni. Ir-raba' applikant sostniet li għalkemm setgħet twelled, beżgħet tinqabad tqila. Minkejja n-nuqqas t'attwalita` tal-interess, il-Qorti xorta waħda kkunsidrathom bħala vittmi.*

*"Ikkunsidrat:*

*"Il-każ Rossi msemmi minn wieħed mill-intimati ma jistax jiġi mqabbel mal-każ preżenti għaliex f'dak il-każ qajla kien hemm probabbilita` li r-*

[8] Klass v Germany 06.09.1978
[9] Norris v Ireland 26.10.1988 (10581/83)
[10] Michaud v France §§ 51-52 06.12.2012 (12323/11)
[11] Sejdic and Finci v Bosnia and Herzegovina §28 22.12.2009 (27996/06 u 34836/06)
[12] Kosaite-Cypiene and others v Lithuania 04.06.2019 (69489/12)

> *rikorrenti jispiċċaw fi stat veġetattiv. Ma kinux effettwati personalment – kuntrarjament għall-każ tar-rikorrenti. Fil-każ l-ieħor, ir-rikorrent ma wera l-ebda intenzjoni li jibni minaretta u fi kwalunkwe każ – almenu kif iddeċidiet il-Qorti – b'daqshekk ma ġiex imxekkel mit-tħaddim tar-reliġjon tiegħu. Il-każ preżenti huwa daqsxejn differenti. Imqar jekk ir-rikorrenti ma tapplikax, hi qiegħdha tallega – tajjeb jew ħażin - li l-Art 96A tal-Kostituzzjoni, fil-parti tiegħu li timponi s-segretezza, qiegħed – fil-preżent u mhux fil-futur; attwalment u mhux ipotetikament – ipoġġiha fi żvantaġġ vis-à-vis applikanti oħrajn. Żvantaġġ li anke llum jista' jservi biex iwassal lir-rikorrenti biex ma tissottomettix l-espressjoni ta' interess tagħha. Ir-rikorrenti mhix qed tagħmel talba fl-astratt imma ilment dwar liġi li tolqot direttament lil dawk l-avukati li huma kandidati eliġibbli biex jiġu kkunsidrati għall-elevazzjoni għall-ġudikatura. Bħal fil-każijiet suċċitati, ir-rikorrenti tappartjeni għal klassi ta' nies li huma fi a fil-periklu li jiġu direttament effettwati mil-leġislazzjoni attakkata. Mhux meħtieġ li hija tkun applikat biex tkun vittma – l-istess bħall-każ tal-ilmentaturi fil-każ Sejdic, li ma kinux applikaw bħala kandidati għall-elezzjoni; u fil-każ tal-ewwel ilmentatur ta' Kosaite-Cypiene li kienet diġa` welldet u r-raba' applikant li ma kinitx u ma kienx bi ħsiebha toħroġ tqila, u l-ebda waħda minnhom ma kienux qegħdin jippjanaw li jwelldu d-dar. Għalhekk din il-Qorti ssib li r-rikorrenti tikkwalifika bħala vittma*";

9. L-attriċi qajmet **aggravju wieħed** mis-sentenza preliminari. Fir-rikors tal-appell imressaq minnha fit-30 ta' Jannar, 2023, hija tgħid li l-appell tagħha huwa limitat għal dik il-parti tas-sentenza li biha l-ewwel Qorti għażlet li ma tiħux qies tat-tieni talba attriċi għar-raġuni li l-attriċi ma kinitx inqdiet bir-rimedji ordinarji li kellha għad-dispożizzjoni tagħha. Espressament tiddikjara li ma kinitx qiegħda tappella minn dik il-parti fejn l-ewwel Qorti astjeniet milli tqis l-ewwel talba minħabba l-irritwalità tagħha u kif ukoll lanqas kienet qiegħda tappella minn dik il-parti tal-imsemmija sentenza li sabet li hija kienet tgawdi minn *status* ta' vittma għall-għanijiet tat-tielet talba. Għalhekk, għar-raġunijiet imfissra, l-appellanti qiegħda titlob li din il-Qorti tvarja s-sentenza preliminari billi, filwaqt li tikkonfermaha

safejn l-ewwel Qorti ma qisitx l-ewwel talba attriċi minħabba li kienet irritwali u safejn sabet li l-attriċi kienet vittma għall-għanijiet tat-tielet talba, tħassarha safejn l-ewwel Qorti għażlet li ma twettaqx is-setgħat tagħha biex tqis it-tieni talba u, minflok, issib li l-ewwel Qorti kien imissha tqisha;

10. Min-naħa tiegħu, il-Kumitat ressaq tweġiba fis-7 ta' Frar, 2023, li biha, filwaqt li qal li l-aggravju tal-attriċi mis-sentenza preliminari ma kienx mistħoqq u li din il-Qorti għandha tiċħdu, ressaq appell inċidentali li bih qal li ħassu aggravat mis-sentenza u, għar-raġunijiet hemm imsemmija, qiegħed jitlob li, filwaqt li din il-Qorti jmissha tikkonfermaha safejn l-ewwel Qorti astjeniet milli tqis l-ewwel żewġ talbiet attriċi, għandha tħassarha fil-bqija billi tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tiegħu, tiċħad it-tielet u r-raba' talbiet attriċi u, jekk ikun il-każ, tħassar is-sentenza finali tal-10 ta' Jannar, 2023;

11. L-intimat Avukat tal-Istat, għar-raġunijiet imsemmija fit-tweġiba tal-appell tiegħu tat-13 ta' Frar, 2023, qal li jħossu aggravat ukoll mis-sentenza preliminari u qiegħed jitlob li din il-Qorti biex tvarjaha billi "tikkonferma l-parti tad-*decide* fejn il-Qorti ddeklinat milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel u t-tieni talba, tvarjaha billi tħassar fejn sabet li t-tielet talba hija ammissibbli, u minflok tilqa' l-ewwel

eċċezzjoni preliminari tal-esponenti, u tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti hawn appellata";

12. L-attriċi ressqet tweġiba għall-appell inċidentali tal-Kumitat fit-13 ta' Marzu, 2023, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, qalet li l-Qorti ma jmisshiex tilqa' dak l-appell. Għalkemm ma ressqitx tweġiba għall-appell inċidentali tal-Avukat tal-Istat, waqt is-smigħ tal-11 ta' Mejju, 2023[13], iddikjarat li għal dan kellha tagħmel tajjeb it-tweġiba li hija ressqet għall-appell inċidentali tal-Kumitat;

13. F**l-aggravju tagħha għas-sentenza preliminari**, l-appellanti tgħid li ma taqbilx mal-ewwel Qorti li sabet li t-tieni talba attriċi hija magħmula minn żewġ talbiet – waħda ta' stħarriġ amministrattiv u l-oħra ta' lment ta' ksur ta' jedd fundamentali – li, fil-każ tal-ewwel parti minnha (dik dwar stħarriġ tal-imġiba *ultra vires* tal-Kumitat, kienet titlob proċedura mibdija bir-rikors maħluf u mhux minn rikors sempliċi. L-appellanti tisħaq li t-tieni talba attriċi hija waħda u ma hemmx lok li wieħed ifellilha f'biċċiet separati. Tisħaq li, billi l-Kumitat għamel regolamenti li f'partijiet minnhom jiksru l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni, jiġi li dawk ir-regoli saru *ultra vires* id-

[13] Paġ. 417 tal-proċess

dispożizzjonijiet tal-artikolu 96A(8) tal-Kostituzzjoni u ġabu magħhom ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha. Għalhekk, l-appellanti targumenta li ma kien minnu xejn li hija naqset li teżawrixxi r-rimedji "ordinarji" li tagħtiha l-azzjoni ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv, għaliex l-azzjoni ewlenija tagħha hija dik ta' ksur ta' jedd fundamentali (li ma titlobx li tinbeda b'rikors maħluf) u t-tieni talba saret fuq is-saħħa ta' hekk. L-appellanti ttemm tgħid li jekk l-ewwel Qorti dehrilha li, biex tisma' u tqis it-tieni talba, kien jeħtieġ li l-att promotur ikun att ġudizzjarju maħluf, setgħet bla xkiel ta' xejn ordnat li r-rikors promotur tagħha jinħalef u ma ġġibx 'il quddiem ostaklu proċedurali li jxekkel id-dritt tagħha ta' aċċess għal qorti ħalli b'hekk is-sustanza tirbaħ fuq il-forma. Wara kollox, bħalma l-ewwel Qorti qieset it-tielet talba, setgħet u messha wkoll qieset it-tieni waħda;

14. Il-Kumitat intimat appellat iwarrab l-aggravju billi jgħid li, tgħid x'tgħid l-appellanti, it-tieni talba tal-azzjoni tagħha hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv għal raġunijiet ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali (li hija l-"*causa petendi*") u b'hekk messha tressqet f'att ġudizzjarju maħluf, kif jitolbu l-artikoli 156, 161 u 164 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Jgħid li l-appellanti ma setgħetx tagħlaq għajnejha għal dak li titlob minnha l-liġi u titfa' l-ħtija tan-

nuqqas tagħha fuq l-ewwel Qorti. Il-Kumitat iżid ukoll li ma jaqbilx mal-ewwel Qorti meta qalet li t-tieni talba tikkonsisti f'aktar minn talba waħda;

15. Bl-istess mod, imma għal raġunijiet oħra, l-intimat Avukat tal-Istat iwarrab l-aggravju billi jgħid li t-tieni talba kienet mill-bidunett milquta minn nullità u dan għaliex tassew li t-tieni talba hija magħmula minn żewġ talbiet li jnisslu żewġ għamliet ta' azzjoni differenti minn xulxin, liema fatt tistqarru l-appellanti nnifisha fir-rikors tal-appell tagħha. B'dan jiġi li, ladarba parti mit-tieni talba hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju ta' għemil amministrattiv, l-ewwel Qorti mxiet sewwa li astjeniet li tqisha;

16. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni intimata tgħid li l-appellanti qed tgħid għal kollox ħażin fl-aggravju tagħha. Għalkemm wieħed jista' jaqbel jew ma jaqbilx ma' dak li qalet l-ewwel Qorti li t-tieni talba hija, fil-fatt, magħmula minn żewġ talbiet, il-fatt jibqa' li l-appellanti nnifisha tgħid li t-tieni talba hija waħda ta' stħarriġ ġudizzjarju u dan iġib miegħu konklużjoni waħda – li talba bħal dik messha saret f'azzjoni mibdija b'rikors maħluf. In-nuqqas ta' dan ġab ma jiswiex mill-bidu dik il-parti tal-azzjoni attriċi;

17. Illi din il-Qorti tqis li t-tieni talba attriċi tinbena kollha kemm hi fuq il-fatt li l-Kumitat ħareġ ir-regolamenti tal-linji-gwida tal-mod kif imexxi l-proċess tal-għażla tal-ġudikanti wara s-sejħa pubblika u tissejjes fuq is-sejbien li l-Kumitat mexa lil hinn ("*ultra vires*") mis-setgħat tiegħu meta għamel dan u ppubblikahom. Hija mfassla b'mod li, essenzjalment u b'mod ewlieni, hija talba għal stħarriġ dwar jekk kienx minnu jew le li l-Kumitat mar lil hinn minn dawk is-setgħat. Wara li t-talba tindika liema kienu l-oqsma tar-regolamenti li dwarhom toġġezzjona l-attriċi appellanti, iżżid tgħid li "bil-konsegwenza wkoll li tali regoli huma leżivi għad-drittijiet fundamentali" tagħha. Il-Qorti tqis li l-ewwel Qorti li ma setgħetx loġikament tqis il-kwistjoni tal-ilment tad-drittijiet fundamentali tal-attriċi kontenut fit-tieni talba tagħha qabel ma tqis jekk kienx minnu li l-Kumitat qabeż il-limiti ta' setgħatu bil-ħruġ tal-imsemmija regolamenti. Fi kliem ieħor, biex it-tieni talba setgħet titqies – ukoll kif tinsab imfassla – l-ewwel Qorti riedet tabilfors twettaq stħarriġ ġudizzjarju u mhux stħarriġ dwar jekk l-attriċi appellanti ġarrbitx ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha;

18. F'dan ir-rigward, għalkemm tapprezza l-argumenti tal-Kumitat li jisħaq li, fis-sewwa, it-tieni talba attriċi mhijiex żewġ talbiet mgħaqqdin f'waħda, imma talba waħda bil-"*causa petendi*" jkun il-

ksur tal-jedd fundamentali (li hija pożizzjoni għal kollox differenti minn dik meħuda mill-appellanti u mill-intimat appellat Avukat tal-Istat), jidhrilha li ma għandhiex tidħol f'din il-biċċa ladarba xejn ma jibdel il-fatt li t-tieni talba hija waħda li titlob stħarriġ ġudizzjarju tal-għemil tal-Kumitat. Il-kunsiderazzjonijiet li saru mill-ewwel Qorti dwar il-mod xieraq li bih imissha ssir talba f'azzjoni bħal dik ma fihom xejn xi tlum jew tmaqdar. Il-Qorti ma tistax taqbel mal-appellanti meta tgħid li l-ewwel Qorti kellha dejjem is-setgħa li tordnalha taħlef ir-rikors promotur u "ssalvalha" l-azzjoni. L-ebda Qorti ma għandha s-setgħa bil-liġi li tagħmel jiswa dak li mill-bidu ma jkunx jiswa u r-regoli tal-proċedura mħaddmin kif imiss jgħidu fejn u kif l-atti ġudizzjarji jistgħu jissewwew jew jissanaw u fejn jitqiesu ma jiswewx. Dan l-eżerċizzju l-ewwel Qorti għamlitu sewwa. Il-Qorti żżid tgħid ukoll li hekk kif l-appellanti aċċettat dak li qalet is-sentenza preliminari dwar l-ewwel talba, l-istess ħaġa tgħodd għat-tieni talba;

19. Fid-dawl ta' dawn il-fehmiet, il-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tidħol fl-argument tal-appellanti dwar jekk il-Kumitat setax ifassal ir-regoli tal-politika li biha jimxi jew jekk b'dan setax jiddetermina l-proċedura tiegħu. Din il-kwistjoni kienet tkun rilevanti li kieku t-tieni talba tqieset u kienet trattata, għaliex tolqot il-mertu tagħha.

Ladarba din il-Qorti mhux se tqis it-tieni talba, kummenti dwar dan ikollhom biss effett akkademiku;

20. L-ewwel aggravju tal-appellanti għalhekk m'huwiex mistħoqq u mhux se jintlaqa';

21. Il-Qorti se tqis issa l-**aggravji fl-appelli inċidentali mis-sentenza preliminari**. L-aggravju tal-Kumitat jirrigwarda dik il-parti tas-sentenza preliminari li sabet li l-attriċi appellanti kienet munita b'*victim status* biżżejjed biex setgħet tressaq azzjoni dwar ilment ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali, u b'hekk fejn sabet li t-tielet talba tagħha kienet ammissibbli. L-intimat Avukat tal-Istat qajjem l-aggravju tiegħu fuq l-istess linji. Il-Kummissjoni intimata appellata ma qajmet l-ebda aggravju mis-sentenza preliminari;

22. Il-Qorti sejra tqis flimkien l-aggravji tal-Kumitat u tal-Avukat tal-Istat għaliex jintrabtu sfiq ma' xulxin u jolqtu l-istess kunsiderazzjonijiet tal-*locus standi* tal-attriċi appellanti f'din il-kawża;

23. Il-Kumitat qajjem dan l-aggravju minħabba li l-ewwel Qorti, fis-sentenza preliminari, ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari

tiegħu li kienet tgħid li l-attriċi appellanti kellha ġġib prova skont il-liġi tal-interess ġuridiku tagħha kif ukoll tal-istat ta' "vittma" tagħha f'din il-kawża mnedija minnha u, fin-nuqqas li tagħmel dan, l-istess azzjoni kellha tkun riġettata. Il-Kumitat ifisser dan l-aggravju billi jgħid li, għall-kuntrarju ta' dak li sabet l-ewwel Qorti, l-appellanti ma kellhiex "*victim status*" li huwa element indispensabbli biex l-attriċi setgħet tmexxi 'l quddiem l-azzjoni tagħha. Iżid jgħid li ma jaqbilx mal-ewwel Qorti lanqas meta qalet li l-attriċi ma kienx jeħtiġilha tkun fost l-applikanti fis-sejħa biex setgħet titqies li tgawdi minn stat ta' "vittma" biex tressaq l-azzjoni msemmija. Il-Kumitat jisħaq li ladarba l-appellanti għażlet li minn rajha li ma tikkonkorrix fis-sejħa, ġabet fix-xejn kull leġittimazzjoni attiva li kienet meħtieġa biex tkun f'qagħda li tressaq l-ilmenti tagħha ta' ksur ta' jeddijiet fundamentali tagħha. Iqis, għalhekk, li l-ewwel Qorti ma għamlitx sewwa li mxiet mas-sentenza ta' ***Sejdić***[14] billi ċ-ċirkostanzi ta' dak il-każ u l-każ tal-appellanti kienu għal kollox differenti minn xulxin, u li l-qagħda ta' stat ta' "vittma" tfisser sewwa u b'mod ċar ħafna minn din il-Qorti f'każ ieħor[15] fejn ingħad li min iressaq azzjoni dwar drittijiet fundamentali jrid juri li jkun dritt tiegħu li nkiser jew x'aktarx sejjer

---

[14] Q.E.D.B. (GC) **22.9.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Sejdić u Finci vs Bożnja u Herzegovina*** (Applik. 27996/06)
[15] Kost. **29.10.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Onor. Simon Busuttil vs L-Avukat Ġenerali et*** (Rik. 86/17)

jinkiser bl-għemil li dwaru jsir l-ilment. L-ilment li dwaru titressaq azzjoni ta' ksur ta' jedd fundamentali jrid jolqot lil dak li jkun b'mod konkret u mhux fl-astratt. Jisħaq li l-fatt waħdu li l-appellanti hija avukat, bla ma ressqet prova li riedet jew xtaqet tikkonkorri fis-sejħa, ma huwiex biżżejjed biex, imqar potenzjalment, jagħtiha dak l-istat li bih setgħet tressaq b'suċċess l-azzjoni magħżula minnha. Itemm jgħid li kienet tkun storja oħra kieku l-appellanti ressqet l-azzjoni tagħha dwar ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħha minħabba l-leġislazzjoni impunjata kieku hija nżammet, minkejja x-xewqa tagħha, milli tikkonkorri fis-sejħa u l-liġi kif inhi ma kinitx tħalliha tagħmel dan;

24. Min-naħa tiegħu, l-intimat Avukat tal-Istat iqajjem l-aggravju tiegħu mis-sentenza preliminari għaliex ukoll ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni preliminari tiegħu li, lanqas fl-apparenza, l-attriċi appellanti ma kellha interess ġuridiku biex tirreklama stat ta' "vittma". B'dik l-eċċezzjoni, l-intimat kien seħaq li l-leġittimazzjoni attiva tal-appellanti kienet nieqsa għal kollox għaliex mhux biss l-attriċi ma wriet bl-ebda mod li hija kienet ikkonkorriet għas-sejħa, imma għaliex ukoll il-fatt waħdu li hija avukat li tista' tkun eliġibbli għall-ħatra ta' mħallef f'xi sejħa oħra 'l quddiem jew li tara li kollox ikun sar skont il-liġi ma jagħtihiex l-interess ġuridiku li tressaq

azzjoni tas-sura li ressqet. Fl-aggravju tiegħu, l-Avukat tal-Istat jimxi mal-istess argumenti li qajjem il-Kumitat fl-aggravju tiegħu, u jżid jgħid li l-fatt li l-appellanti ma kkonkorrietx fis-sejħa partikolari jfisser li hija ma kienet bl-ebda mod – dirett jew indirett – se tintlaqat minn dak li sar fil-proċess tal-għażla u wisq anqas mir-riżultat tas-sejħa, b'mod li hija "ma setgħet qatt tiġi preġudikata u konsegwentament tilmenta mill-eżitu tas-sejħa, u kwindi, lanqas ma seta' kellha xi drittijiet ċivili li jistgħu jiġu affettwati bir-riżultat tal-proċess tas-sejħa";

25. L-attriċi appellanti laqgħet għall-aggravju tal-Kumitat billi, fl-ewwel lok, qajmet il-preġudizzjali li l-appell inċidentali kollu huwa irritwali, għaliex ladarba s-sentenza kollha ma għoġbitux, messu appella minnha u mhux inqeda b'appell inċidentali. Tisħaq li, dak li l-Kumitat effettivament qiegħed jitlob huwa t-tħassir tas-sentenza preliminari kollha u dan ma setax jitolbu jekk mhux b'appell ewlieni. Dwar l-aggravju fil-mertu, l-attriċi laqgħet għalih billi qalet li ma huwiex mistħoqq għaliex l-istat ta' "vittma" jinsab f'persuna li tista' turi li ntlaqtet ħażin b'miżura u ġarrbet ksur ta' xi jedd fundamentali tagħha bla ma għandha għalfejn turi wkoll li ġarrbet danni. Hija żżid tgħid li, bid-dħul fis-seħħ tal-linji-gwida mfassla mill-Kumitat, intlaqtet direttament u "d-drittijiet fundamentali tagħha x'aktarx jiġu

leżi malli hija tissottometti l-espressjoni ta' interess tagħha. L-fatt li l-esponenti ma applikatx sa issa ma għandux iwassal sabiex din l-Onorabbli Qorti tiddeċiedi li hija ma għandhiex l-interess meħtieġ biex tagħmel dawn il-proċeduri – dan għaliex jekk dawn ir-regoli u linji-gwida fost oħrajn jitħallew viġenti apparti wkoll l-kwistjoni tal-artikolu 96 a tal-Kostituzzjoni u t-tħaddim tiegħu – dawn sejrin jilledu jew x'aktarx li sejrin jilledu d-drittijiet fundamentali tagħha meta hija tissottometti l-espressjoni tagħha". L-attriċi mbagħad tgħaddi biex telenka kif il-linji-gwida jippreġudikawha personalment jekk kemm-il darba 'l quddiem tagħżel li tapplika għall-ħatra ta' ġudikant;

26. Kif ingħad qabel, l-attriċi ma ressqitx tweġiba formali dwar l-aggravji tal-intimat Avukat tal-Istat fl-appell inċidentali tiegħu, imma iddikjarat waqt is-smigħ tal-appell li dak li qalet fit-tweġiba lill-appell inċidentali tal-Kumitat kellu jgħodd ukoll għall-appell inċidentali ta' dan;

27. Din il-Qorti tibda billi tqis il-preġudizzjali tal-attriċi appellanti dwar is-siwi tal-appelli inċidentali. Il-liġi[16] titkellem b'mod ċar ħafna dwar min jista' jinqeda bl-appell inċidentali u dwar xiex jista'

[16] Art. 240(1) tal-Kap 12

jitqajjem appell bħal dak. L-għażliet huma bosta u wesgħin ħafna biex jinkludu saħansitra appelli inċidentali minn sentenzi jew provvedimenti li dwarhom ma jkunx tressaq appell ewlieni. B'rieda tal-liġi wkoll, l-appell inċidentali għandu ħajja awtonoma mill-appell jew appelli ewlenin u jibqa' jseħħ ukoll imqar jekk l-appellant iċedi l-appell ewlieni tiegħu[17]. Huwa mgħallem li "*The only condition for the exercise of this faculty is that the respondent has not lodged an appeal from any part of the judgment; because as soon as an appeal is lodged, unless it is proceeded with, it is regarded as having been abandoned, and it would not be possible to avail oneself of the incidental appeal*"[18];

28. Ukoll jekk wieħed kellu joqgħod fuq is-sentenzi msemmija mill-attriċi biex issaħħaħ din il-preġudizzjali mqajma minnha, wieħed minnufih jintebaħ li l-appelli inċidentali mressqa rispettivament mill-Kumitat u mill-Avukat tal-Istat f'din il-kawża jimmiraw għar-riforma tas-sentenza preliminari u mhux, kif tallega l-attriċi, għat-tħassir ta' dik is-sentenza. Kemm hu hekk, huma jitolbu biss ir-riforma tas-sentenza preliminari bil-konferma ta' dawk il-kapijiet tagħha li marru favurihom. Huwa minnu li jekk kemm-il

---

[17] Art. 241 tal-Kap 12
[18] Caruana *Notes on Civil Procedure* paġ. 1437

darba jintlaqgħu l-appelli inċidentali kif imressqa dan jista' jkollu effett fuq is-sentenza preliminari kollha u, b'konsegwenza, fuq is-sentenza finali wkoll, imma jibqa' l-fatt li la l-Kumitat u lanqas l-Avukat tal-Istat ma ressqu appell mis-sentenza finali u ma kellhomx għalfejn lanqas jagħmlu dan ladarba l-eżitu aħħari tagħha kien favur il-każ tagħhom. Minbarra dan, iż-żewġ appelli inċidentali mressqa rispettivament mill-Kumitat u mill-Avukat tal-Istat wettqu formalment dak mitlub mil-liġi[19] u tressqu fiż-żmien stabbilit[20];

29. Dan kollu jwassal lil din il-Qorti biex issib li l-preġudizzjali mqajma mill-attriċi dwar is-siwi tal-appelli inċidentali m'hijiex mistħoqqa u mhux se tilqagħha;

30. Il-Qorti ser tqis issa l-aggravju fil-mertu dwar jekk l-attriċi appellanti kellhiex jew għandhiex l-istat ta' "vittma" f'din il-kawża. Sostanzjalment, il-partijiet ilhom sa minn qabel ma ngħatat is-sentenza preliminari jressqu l-argumenti u l-fehmiet tagħhom dwar jekk l-attriċi appellanti għandhiex il-leġittimazzjoni attiva biex tressaq u tissokta tmexxi 'l quddiem din l-azzjoni tagħha. Dan kollu sar fil-qafas tal-fatt li, sa ma ngħatat is-sentenza finali, l-attriċi ma

[19] Art. 240(2) tal-Kap 12

[20] Ara App. Ċiv. **25.6.1945** fil-kawża fl-ismijiet ***Cannataci vs Tabone noe*** (Kollez. Vol: **XXXII.i.288**)

kinitx tefgħet l-applikazzjoni tagħha biex tikkonkorri fis-sejħa li saret għall-għażla ta' mħallfin ġodda biex iservu fil-Qrati ta' Malta. Meta ngħatat is-sentenza preliminari li dwarha tqajjem dan l-aggravju, lanqas kienu għadhom tressqu l-provi kollha tal-istess attriċi u wisq anqas tal-intimati. Meta l-kawża tħalliet għat-trattazzjoni tal-eċċezzjonijiet preliminari, l-istess attriċi iddikjarat li ma kellhiex provi xi tressaq dwar l-imsemmija eċċezzjonijiet u li ma kinitx waħda mill-applikanti għall-ħatriet *de quo*[21], għalkemm hija kienet eliġibbli li tapplika għal dik il-ħatra jekk kellha ssir sejħa oħra għaldaqshekk[22];

31. Minbarra dan, din il-Qorti tqis ukoll li l-għarfien li l-attriċi ngħatat fis-sentenza preliminari dwar l-istat tagħha ta' "vittma" huwa marbut mat-tielet talba tagħha li tirreferi għal jekk l-artikolu 96A tal-Kostituzzjoni jiksirx il-Kostituzzjoni u/jew il-Konvenzjoni, b'mod partikolari dawk id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-jedd tagħha għall-espressjoni ħielsa (safejn il-proċeduri quddiem il-Kumitat jitmexxew fil-magħluq) u l-jedd tagħha li ma tingħatax trattament diskriminatorju. Kif qieset l-ewwel Qorti fis-sentenza preliminari[23], l-għan tat-tielet talba attriċi huwa dak li ssib li artikolu fil-Kostituzzjoni jikser dispożizzjonijiet oħrajn fl-istess Kostituzzjoni

[21] Verbal f'paġ. 24 tal-proċess
[22] Verbal f'paġ. 35 tal-proċess
[23] Paġ. 139 tal-proċess

maħsuba li jħarsu l-jeddijiet fundamentali tal-persuna: ma hemm l-ebda lment min-naħa tal-attriċi li xiħadd mill-intimati kiser dawk id-dispożizzjonijiet billi mxew *ultra vires* jew b'mod abbużiv għalihom;

32. L-aggravji tal-Kumitat u tal-Avukat tal-Istat mis-sentenza preliminari dwar l-istat ta' vittma tal-attriċi, u l-argumenti tal-attriċi dwarha tfissru aktar qabel[24] u mhux il-każ li l-Qorti terġa' ttennihom. Imma tajjeb jingħad li ż-żewġ intimati appellanti f'dan ir-rigward jisħqu fuq l-argument li l-istat ta' "vittma" rikonoxxut mill-ewwel Qorti dwar l-attriċi ma seta' qatt irieġi għaliex, fiċ-ċirkostanzi tas-sejħa partikolari għall-mili tal-kariga ta' mħallfin ġodda, l-attriċi lanqas potenzjalment ma setgħet tintlaqat minn dak kollu li sar waqt il-proċess tal-għażla. Lanqas intwera, b'xi prova konkreta tajba, li l-attriċi żammet lura milli titfa' l-applikazzjoni tagħha biex tikkonkorri sewwasew għaliex kien jidhrilha li kienet ġarrbet jew sejra ġġarrab ksur ta' xi jedd fundamentali tagħha li kieku għamlet dan;

33. Il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li l-istat ta' "vittma" li persuna trid turi biex tista' tressaq u tiftaħ kawża dwar ksur ta' jeddijiet fundamentali huwa usa' mill-interess ġuridiku magħruf u mħaddem

[24] §§ 23 – 5 *supra*

sa minn bosta snin ilu biex tintwera l-leġittimazzjoni attiva f'azzjoni ċivili. B'mod partikolari, dan iseħħ minħabba li l-istat ta' "vittma" mhux marbut mal-element tradizzjonali tal-attwalità tal-interess[25] f'dak li jirrigwarda l-ksur tal-jedd fundamentali – għaliex il-Kostituzzjoni tagħraf jedd ta' azzjoni wkoll favur persuna li xi jedd fundamentali tagħha "tkun ser tiġi miksura dwarha"[26]. Minkejja dan, mill-kliem tal-Kostituzzjoni nnifisha joħroġ ċar li l-persuna li tressaq azzjoni ta' lment dwar ksur ta' jedd fundamentali hija mogħtija li tagħmel dan għaliex il-ksur ikun jolqot lilha jew x'aktarx ("*likely*") jolqot lilha, u għalhekk mhux mogħti li azzjoni titressaq validament fejn il-ksur ma jolqotx lill-persuna li tkun jew fejn għandha mnejn li xi darba tintlaqat;

34. Fil-qafas tal-Konvenjoni, imbagħad, ingħad li "*the notion of 'victim' within the meaning of article 34 has an autonomous and independent meaning that does not depend upon concepts of national law such as the legal interest and the locus standi or standing. .. .. According to the established case law of the Court, the existence of a violation of the Convention is sufficient for the*

[25] Ara Tonio Borg A Commentary on the Constitution of Malta (Kite, 2016) paġġ. 241 – 3
[26] Art. 46(1) Kost.

*applicant to be a victim without the need to demonstrate a prejudice*”[27];

35. Il-Qorti jidhrilha li, biex tkun f’qagħda li tqis sewwa l-aggravji tal-intimati u l-argumenti tal-attriċi appellata dwar din il-parti tas-sentenza preliminari, ikun xieraq li tislet dan li ġej minn dokument li jfisser b’reqqa l-kunċett ta’ “vittma” għall-għanijiet tal-Konvenzjoni u l-limiti aċċettati ta’ dak l-istat[28]. “*24. The Court has consistently held that the Convention does not provide for the institution of an actio popularis and that its task is not normally to review the relevant law and practice in abstracto, but to determine whether the manner in which they were applied to or affected the applicant gave rise to a violation of the Convention (for example,* ***Roman Zakharov v. Russia*** *[GC], 2015, § 164). .. 25. The word “victim”, in the context of Article 34 of the Convention, denotes the person or persons directly or indirectly affected by the alleged violation. Hence, Article 34 concerns not just the direct victim or victims of the alleged violation, but also any indirect victims to whom the violation would cause harm or who would have a valid and personal interest in seeing it brought to an end (****Vallianatos and Others v. Greece***

[27] William A Schabas *The European Convention on Human Rights – A Commentary* (O.U.P. 2017), pġ. 738
[28] *Practical Guide on Admissibility Criteria* mitbugħ mir-Reġistru tal-Q.E.D.B. (Awwissu 2023)

*[GC], 2013, § 47). The notion of "victim" is interpreted autonomously and irrespective of domestic rules such as those concerning interest in or capacity to take action (***Gorraiz Lizarraga and Others v. Spain***, 2004, § 35), even though the Court should have regard to the fact that an applicant was a party to the domestic proceedings (***Aksu v. Turkey** *[GC], 2012, § 52;* **Micallef v. Malta** *[GC], 2009, § 48;* **Bursa Barosu Başkanliği and Others v. Turkey***, 2018, §§ 109-117). It does not imply the existence of prejudice (***Brumărescu v. Romania** *[GC], 1999, § 50), and an act that has only temporary legal effects may suffice (***Monnat v. Switzerland***, 2006, § 33). 26. The interpretation of the term "victim" is liable to evolve in the light of conditions in contemporary society and it must be applied without excessive formalism (ibid., §§ 30-33;* ***Gorraiz Lizarraga and Others v. Spain***, 2004, § 38;* ***Stukus and Others v. Poland***, 2008, § 35;* ***Ziętal v. Poland***, 2009, §§ 54-59). The Court has held that the issue of victim status may be linked to the merits of the case (***Siliadin v. France***, 2005, § 63;* ***Hirsi Jamaa and Others v. Italy** *[GC], 2012, § 111). The Court can examine the question of victim status and locus standi ex officio, since it concerns a matter which goes to the Court's jurisdiction (***Buzadji v. the Republic of Moldova** *[GC], 2016, § 70;* ***Satakunnan Markkinapörssi Oy and Satamedia Oy v. Finland** *[GC], 2017, §*

*93; **Unifaun Theatre Productions Limited and Others v. Malta**, 2018, §§ 63-66; **Jakovljević v. Serbia** (dec.), 2020, § 29). 27. The distribution of the burden of proof is intrinsically linked to the specificity of the facts, the nature of the allegation made and the Convention right at stake (**N.D. and N.T. v. Spain** [GC], 2020, §§ 83-88). .. .. 28. In order to be able to lodge an application in accordance with Article 34, an applicant must be able to show that he or she was "directly affected" by the measure complained of (**Tănase v. Moldova** [GC], 2010, § 104; **Burden v. the United Kingdom** [GC], 2008, § 33; **Lambert and Others v. France** [GC], 2015, § 89). This is indispensable for putting the protection mechanism of the Convention into motion (**Hristozov and Others v. Bulgaria**, 2012, § 73), although this criterion is not to be applied in a rigid, mechanical and inflexible way throughout the proceedings (**Micallef v. Malta** [GC], 2009, § 45; **Karner v. Austria**, 2003, § 25; **Aksu v. Turkey** [GC], 2012, § 51). For instance, a person cannot complain of a violation of his or her rights in proceedings to which he or she was not a party (**Centro Europa 7 S.r.l. and Di Stefano v. Italy** [GC], 2012, § 92). .. ..*";

36. Kif ingħad qabel, wieħed jista' jqis persuna li tkun "vittma" b'mod indirett. Dwar dan, l-imsemmi dokument jgħid li "*30. If the*

*alleged victim of a violation has died before the introduction of the application, it may be possible for the person with the requisite legal interest as next-of-kin to introduce an application raising complaints related to the death or disappearance of his or her relative (**Varnava and Others v. Turkey** [GC], 2009, § 112). This is because of the particular situation governed by the nature of the violation alleged and considerations of the effective implementation of one of the most fundamental provisions in the Convention system (**Fairfield v. the United Kingdom** (dec.), 2005). 31. In such cases, the Court has accepted that close family members, such as parents, of a person whose death or disappearance is alleged to engage the responsibility of the State can themselves claim to be indirect victims of the alleged violation of Article 2, the question of whether they were legal heirs of the deceased not being relevant (**Van Colle v. the United Kingdom**, 2012, § 86; **Tsalikidis and Others v. Greece**, 2017, § 64; **Kotilainen and Others v. Finland**, 2020, §§ 51-52).*". F'dan ir-rigward, jidher li l-biċċa l-kbira miċ-ċirkostanzi aċċettati mill-Q.E.D.B. jolqtu qraba ta' persuni (mejta jew nieqsa) li ġarrbu ksur tal-jeddijiet tagħhom, jew, fir-rigward ta' jeddijiet oħrajn imħarsin taħt il-Konvenzjoni, azzjonisti ta' kumpaniji li ma jistgħux iressqu azzjoni waħedhom. B'mod partikolari, organiżżazzjonijiet mhux governativi, jew persuni legali oħrajn

(assoċjazzjonijiet) li jixbhuhom ma jitqisux bħala "vittmi indiretti", imqar jekk ikunu twaqqfu sewwasew biex jissieltu għall-interessi ta' xi kategorija jew oħra ta' persuni fiżiċi;

37. Ta' siwi ewlieni għall-għanijiet tal-aggravju fejn jirrigwarda l-istat ta' "vittmi potenzjali", l-imsemmi dokument għandu dan x'jgħid: "*46. Article 34 of the Convention does not allow complaints in abstracto alleging a violation of the Convention (**Centre for Legal Resources on behalf of Valentin Câmpeanu v. Romania** [GC], 2014, § 101 and the references cited therein). In certain specific situations, however, the Court has accepted that an applicant may be a potential victim. .. .. 47. In order to be able to claim to be a victim in such a situation, an applicant must produce reasonable and convincing evidence of the likelihood that a violation affecting him or her personally will occur; mere suspicion or conjecture is insufficient (**Senator Lines GmbH v. fifteen member States of the European Union** (dec.) [GC], 2004; **Shortall and Others v. Ireland** (dec.), 2021). .. .. 49. The Court has also underlined that the Convention does not envisage the bringing of an actio popularis for the interpretation of the rights it contains or permit individuals to complain about a provision of a domestic law simply because they consider, without having been directly affected by it, that it may*

*contravene the Convention (**Aksu v. Turkey** [GC], 2012, § 50; **Burden v. the United Kingdom** [GC], 2008, § 33; **Dimitras and Others v. Greece** (dec.), 2017, §§ 28-32; **Cordella and Others v. Italy**, 2019, § 100; **Kalfagiannis and Pospert v. Greece** (dec.), 2020, § 46). .. .. In the context of Article 10 of the Convention, the mere fact that an applicant could no longer watch or listen to the programmes previously broadcast by a public service broadcaster closed by the Government did not suffice to establish his victim status with respect to the right to receive information (**Kalfagiannis and Pospert v. Greece** (dec.), 2020, §§ 46-47). 50. However, it is open to a person to contend that a law violates his or her rights, in the absence of an individual measure of implementation, if he or she is required either to modify his or her conduct or risks being prosecuted or if he or she is a member of a class of people who risk being directly affected by the legislation (**Tănase v. Moldova** [GC], 2010, § 104; **Michaud v. France**, 2012, §§ 51-52; **Sejdić and Finci v. Bosnia and Herzegovina** [GC], 2009, § 28)*";

38. Il-Qorti tqis li huwa siewi wkoll li jintwera li l-istat ta' "vittma" kif meqjus hawn fuq ikun inkiseb u nżamm għaż-żmien kollu rilevanti. "*51. It falls first to the national authorities to redress any alleged violation of the Convention. Hence, the question whether*

*an applicant can claim to be a victim of the violation alleged is relevant at all stages of the proceedings before the Court (**Scordino v. Italy (no. 1)** [GC], 2006, § 179; **Rooman v. Belgium** [GC], 2019, §§ 128-133). In this regard, the applicant must be able to justify his or her status as a victim throughout the proceedings (**Burdov v. Russia**, 2002, § 30; **Centro Europa 7 S.r.l. and Di Stefano v. Italy** [GC], 2012, § 80)*;

39. Fid-dawl ta' dan kollu, il-Qorti ssib li l-aggravju tal-intimati dwar is-sentenza preliminari huwa mistħoqq u li l-attriċi ma għandhiex f'din il-kawża l-istat ta' "vittma" – la dirett u lanqas indirett – li l-ewwel Qorti għarfitilha. Din il-fehma tinbena fuq iċ-ċirkostanzi fattwali tal-attriċi u fuq riżultanzi mill-atti tal-kawża. Fl-ewwel lok, għal dak li jirrigwarda t-talbiet attriċi, l-attriċi nnifisha iddikjarat taħt ġurament li "*din il-kawża hija kellha tagħmilha sabiex tassigura ruħha u lil kull applikant ieħor li jista' jkun interessat għal din il-kariga, li s-sejħiet li saru u li għad iridu jsiru għal ħatra ta' Ġudikatura jkunu skond il-Kostituzzjoni ta' Malta u tista' tassigura lil min intgħażel li tali proċeduri qed isiru sabiex kollox isir skont il-liġi*"[29]. Minn din is-silta joħroġ ċar ħafna li l-ħsieb wara t-tressiq tal-kawża

[29] Ara Affidavit tagħha f'paġ. 145 tal-proċess

huwa dak li tingħata tifsira tal-Kostituzzjoni bil-għan li jkun aċċertat li d-dispożizzjonijiet tagħha tħarsu. Fit-trattazzjoni tal-għeluq tagħha bil-fomm l-attriċi reġgħet tenniet li t-tielet talba tagħha hija dwar l-applikazzjoni tal-Kostituzzjoni[30]. F'dan ir-rigward, din il-Qorti tfakkar li jinsab stabbilit li l-interess li wieħed jara li l-liġi titħares m'huwiex l-interess ġuridiku li jnissel l-istat ta' "vittma" f'azzjoni ta' jksur ta' jedd fundamentali[31]. Fit-tieni lok, il-fatt li l-attriċi ma ressqitx talba biex tikkonkorri għas-sejħa partikolari jkompli jżid in-nuqqas ta' stat ta' "vittma" tagħha f'dak il-proċess li sar biex wassal għall-għażla tal-ġudikanti l-ġodda. Fit-tielet lok, taħt il-kejl tal-kriterji li ssemmew aktar qabel, l-attriċi (li ma kellha l-ebda interess personali fis-sejħa li saret) lanqas setgħet tressaq din l-azzjoni tagħha f'isem il-kategorija ta' avukati li wieġbu għal dik is-sejħa jew għall-avukati in ġenerali. L-eliġibilità tagħha għal sejħa li hija għażlet li ma tikkonkorrix fiha jirrendi, fil-fehma meqjusa ta' din il-Qorti, it-talbiet tagħha bħala għal kollox remoti u ipotetiċi biss u, minħabba f'hekk, imressqa intempestivament[32]. Fir-raba' lok, minħabba f'hekk, l-għan tal-azzjoni mressqa mill-attriċi kien se jibqa' wieħed akkademiku biss – u għaldaqstant mhux biżżejjed

[30] Paġġ. 305 *tergo* u 306 tal-proċess
[31] Kost. **29.10.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Onor. Simon Busuttil vs Avukat Ġenerali et*** §23
[32] Kost. **30.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph sive Nadia Ħili vs L-Avukat Ġenerali et*** (paġġ. 22 – 3 tas-sentenza)

biex isejjes stat ta' "vittma" – għaliex l-ebda waħda mit-talbiet, ukoll kieku kellha tintlaqa' xi waħda minnhom, ma kienet se tkun ta' fejda jew utilità għaliha jew tista' sserviha biex tressaq azzjoni ulterjuri minnha. Fil-ħames lok, l-eliġibilità aċċettata tal-attriċi għal sejħat għall-mili ta' karigi fil-Ġudikatura fiż-żmien li nfetħet din il-kawża tiddependi wkoll minn ċirkostanzi oħrajn daqstant rilevanti li, ukoll jekk issir sejħa oħra fil-ġejjieni qrib, ma jkunux għadhom jgħoddu għall-attriċi personalment dakinhar. B'dan il-mod, fl-istat attwali tal-affarijiet, lanqas l-aspett tal-potenzjalità ta' stat ta' "vittma" ma jifdal bħala ċirkostanza li fuqha l-attriċi tista' ssejjes il-jedd tagħha li tressaq jew tmexxi 'l quddiem din l-azzjoni;

40. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti sejra tilqa' dan l-aggravju tal-Kumitat u dak tal-Avukat tal-Istat mis-sentenza preliminari bħala wieħed mistħoqq. Jiġi b'hekk, li ladarba l-attriċi ma kellhiex stat ta' "vittma" u ma ntweriex li dak l-istat inkiseb matul iż-żmien li din il-kawża kienet miexja, l-azzjoni mnedija minnha ma kellhiex tibqa' miexja, u li l-eċċezzjoni preliminari mqajma minn kull wieħed mill-imsemmija żewġ intimati messha ntlaqgħet mill-ewwel Qorti;

41. Dan iġib miegħu l-effett li, ladarba kien nieqes fl-attriċi wieħed mill-elementi essenzjali biex azzjoni ġudizzjarja tkun tiswa (l-

element tal-leġittimazzjoni attiva), kulma sar wara l-għoti tas-sentenza preliminari ma kienx jiswa. Fi kliem ieħor, l-ilqugħ tal-eċċezzjonijiet preliminari dwar l-istat ta' "vittma" u dwar l-interess ġuridiku tal-attriċi jwassal għat-tħassir ukoll tas-sentenza finali. Din il-Qorti, filwaqt li tagħraf is-siwi ta' bosta kunsiderazzjonijiet li saru mill-ewwel Qorti fis-sentenza finali, ma sejra tagħti l-ebda kumment dwarhom u lanqas tqis l-aggravji tal-partijiet minn dik is-sentenza li, b'effett ta' din is-sentenza, se jkollha titħassar;

42. Il-Qorti qiegħda tqis biss li kienet għażla tal-intimati li ma jitolbux li jitħallew iressqu appell mis-sentenza preliminari u ma saret l-ebda sottomissjoni min-naħa tagħhom dwar xi raġuni partikolari biex għażlu li jimxu b'dan il-mod. Id-determinazzjoni ta' din il-ħaġa kienet bla dubju tgħin biex f'din il-kawża ma jsirx xogħol għalxejn. Huwa minnu li l-liġi tagħti lil kull parti l-jedd li tressaq appell minn sentenza separata wara l-għoti tas-sentenza aħħarija[33], iżda d-determinazzjoni tal-leġittimazzjoni ta' parti f'kawża u l-għaqal forsi kienu jitolbu li l-intimati jimxu mod ieħor. Fid-dawl ta' dan, minkejja li l-aggravji tal-intimati jirriżultaw mistħoqqa, il-Qorti se tieħu dan b'qies fejn jirrigwarda l-kap tal-ispejjeż;

[33] Art. 231(1) tal-Kap 12

***Decide:***

43. Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi billi:

**Tiċħad il-preġudizzjali proċedurali** tal-attriċi għas-siwi tal-appelli inċidentali tal-intimati Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura u tal-Avukat tal-Istat, bħala infondata fil-fatt u fid-dritt billi ma hemm l-ebda nullità f'dawk l-atti kif imressqa;

**Tiċħad l-appell tal-attriċi** mis-sentenza preliminari mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) tat-2 ta' Diċembru, 2021, fil-kawża fl-ismijiet premessi, bħala infondat fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-appelli tal-intimati** Kumitat dwar il-Ħatriet tal-Ġudikatura u Avukat tal-Istat mill-imsemmija sentenza preliminari bħala mistħoqqa fil-fatt u fid-dritt u b'hekk, qiegħda **tirriformaha** billi **tikkonfermaha** safejn l-ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel żewġ talbiet attriċi u safejn laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-partijiet għal dawk iż-żewġ talbiet; **u tħassarha** safejn sabet li t-tielet talba attriċi kienet ammissibbli, u minflok issib li l-attriċi ma

kellhiex il-leġittimazzjoni attiva jew stat ta' "vittma" biex tmexxi 'l quddiem din il-kawża u għalhekk issib li lanqas it-talbiet attriċi l-oħrajn ma kienu ammissibbli;

Minħabba f'hekk, **tħassar ukoll** is-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti fl-10 ta' Jannar, 2023, minħabba n-nuqqas ta' leġittimazzjoni attiva min-naħa tal-attriċi; u

**Tordna l-ispejjeż** tal-kawża jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph R. Micallef<br>Aġent President | Anthony Ellul<br>Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss